**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 28 ta' Frar, 2024**

Numru 20

**Appell Nru. 80/2022**

**John Vella**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem, terz interesssat, tat-22 ta’ Novembru 2022 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta’ Novembru 2022 li laqa’ l-appell tal-applikant u ordna l-hrug tal-permess PA5224/19 ’to construct a sheep farm’ f’Ghajnsielem taht xi kundizzjonijet inkluz li jigu prezentati pjanti u dokumenti;

Rat illi fost l-eccezzjonijiet tal-appellat John Vella tqajjmet eccezzjoni ohra minnu fil-mori tal-appell dwar l-interess guridiku u l-locus standi tal Kunsill Lokali bhala appellant quddiem il-Qorti;

Rat li l-appellat John Vella fis-seduta quddiem il-Qorti tal-10 ta' Mejju 2023 qajjem l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku u n-nuqqas ta' locus standi tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem in vista tal-fatt li l-istess Kunsill Lokali la ressaq rapprezentazzjonijiet fi stadju propizju matul il-kors tal-applikazzjoni quddiem l-Awtorita u minkejja li gie ikkonsultat, u l-istess Awtorita bhala parti integrali minn dak l-istess process naqas milli jaghti risposta jew rakkomandazzjoni u dan kif jirrizulta mill-process relattiv, u in vista ta' dak li jipprovdi Kap. 551 dan l-appell hu destinat li jfalli;

Rat ir-risposta tal-Awtorita;

Rat id-dokumenti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Din is-sentenza qed tigi limitata ghal din l-eccezzjoni preliminari li jekk misthoqqha toqtol l-appell tal-Kunsill Lokali.

Jibda biex jinghad illi skont l-iskeda 3 tal-L.S. 552.13 il-Kunsill Lokali jitqies bhala konsulent estern f'applikazzjonijiet ta' zvilupp li jinsab fil-konfini tal-istess Kunsill.

Skont ir-regolament 8 tal-L.S. 552.13 ic-Chairperson Ezekuttiv tal-Awtorita ghandu jinnotifika lil Kunsill Lokali bil-procedura hemm indikata. Jidher skont ix-xhud tal-Awtorita Ian Galea li dan il-process sehh. Skont l-istess regolament il-konsulenti esterni ghandhom jissottomettu r-rakkomandazzjoni taghhom fi zmien tletin jum minn notifika u fin-nuqqas jitqiesu li ma ghandhomx oggezzjoni ghall-izvilupp. Jidher ukoll skont l-istess xhud tal-Awtorita li l-Kunsill Lokali ma ressaq ebda rakkomandazzjoni u anqas ippartecipa b'ebda mod tul il-process quddiem l-Awtorita.

L-artikolu 21 tal-Kap. 551 jaghti dritt lil persuna interessata registrata skont l-artikolu 71(6) li tigi infurmata b'appell quddiem it-Tribunal u tista' titlob biex tigi registrata bhala terza persuna interessata f'dak l-appell fi zmien hamest ijiem minn notifika, kif ukoll li tindirizza lit-Tribunal u anki jekk mitluba biex taghti xiehda. Tista' wkoll tattendi ghas-seduta. Fil-proviso dan id-dritt hu miftuh ukoll ghal konsulenti esterni li jkunu

ghamlu r-rakkomandazzjonijiet taghhom skont ir-regolament 8 tal-L.S. 552.13. f'dan il-kaz it-Tribunal xorta informa lil Kunsill bl-appell u mix-xiehda tar-rapprezentant tal-Awtorita, jidher li waqt l-appell quddiem it-Tribunal ippartecipa bis-shih fil-proceduri. F'dawk il-proceduri ma tqajmet ebda oggezzjoni ghal partecipazzjoni attiva tal-Kunsill minkejja dak li jghid il-proviso tal-artikolu 21 tal-Kap. 551.

Gara illi wara d-decizjoni tat-Tribunal il-Kunsill Lokali appella quddiem il-Qorti. Hawn japplika l-artikolu 50(2) tal-Kap. 551 li jiftah il-proceduri tal-appell ghall-appellant quddiem it-Tribunal u kull persuna ohra li ippartecipat fl-appell quddiem l-istess Tribunal.

L-eccezzjoni tal-applikant appellat hu illi l-Kunsill Lokali ma ghandux interess guridiku f'dan l-appell u ma ghandux locus standi ghaliex quddiem l-Awtorita naqas li jressaq rapprezentazzjonijiet fit-termini imfissra mill-ligi.

Rigward l-interess guridiku l-appellat ma ghandux ragun. Konsulent estern ma ghandu bzonn juri ebda interess la darba hu imsejjah biex jaghti fehma fi zvilupp fil-lokalita tieghu. Jekk ma jottemperax ruhu ma' dak li tghid il-ligi fi zmien stipulat jitqies li ma ghandux oggezzjoni u mhux li ma ghandux interess.

Fl-istadju quddiem it-Tribunal, milli l-Qorti tista' tifhem mill-atti, ghaliex kien hemm diversi oggezzjonijiet fil-lokalita ghal dan l-izvilupp, dan l-interess intwera bis-shih. Kien f'dan l-istadju pero li l-appellat odjern messu qajjem il-lanjanza tieghu li l-Kunsill ma setax bl-ebda mod jippartecipa fl-applikazzjoni ta' zvilupp quddiem it-Tribunal ghax ma kienx jissodisfa dak li jrid il-proviso tal-artikolu 21 tal-Kap. 551. L-appellat kien ikun gustifikat f'dak l-istadju li jirnexxi fit-talba ghall-estromissjoni tal-Kunsill Lokali mill-proceduri.

Hawn il-Qorti tirreleva illi d-dokument CBI a fol. 44 tal-process li hi ittra tat-Tribunal mibghuta lil Kunsill fil-fatt tirreferi ghal Kunsill Lokali bhala parti interessata skont l-artikolu 21 tal-Kap. 551. Ir-referenzi li saru waqt is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet dwar l-artikolu 71(6) tal-Kap. 552 huma irrelevanti ghax il-Kunsill qatt ma seta' jitqies bhala terz interessat ghall-finijiet ta' dak l-artikolu izda kellu jitqies bhala

konsulent estern li ghalih japplikaw konsiderazzjonijiet differenti u f'kull kaz il-kwistjoni hi jekk il-Kunsill ghandux fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz is-setgha li jappella quddiem il-Qorti.

La darba l-appellat ma qajjem ebda lment fuq il-locus standi u l-partecipazzjoni attiva tal-Kunsill Lokali quddiem it-Tribunal, issa ghandu ostakolu fil-fehma tal-Qorti insormontabbli, ghaliex l-artikolu 50(2) tal-Kap. 551 jaghti dritt ta' appell lil kull persuna li ippartecipat quddiem it-Tribunal. Din il-partecipazzjoni kellha l-kunsens implicitu tal-partiijiet kollha quddiem it-Tribunal billi ma tqajmet ebda oggezzjoni ghaliha u ghalhekk issa tali oggezzjoni hi barra minn postha u ostakolata mill-ligi stess kif appena inghad.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet u f'dawn ic-cirkostanzi partikolari tichad l-eccezzjoni tal-appellat John Vella li l-Kunsill Lokali ma ghandux interess guridiku jew locus standi f'dan l-appell. Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur